22 ta' Ottubru 2016
95/2016

## ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' BORMLA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lill-Kan. Dun Anton Cassar bħala arċipriet tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla.

Dun Anton Cassar twieled fid-29 ta' Jannar 1961. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani, Bormla, u l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju tal-Arċisqof. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Tejoloġija (fil-Filosofija u t-Teoloġija), ir-Rabat, u kiseb liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali mill-Università ta' Malta.

Dun Anton ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Lulju 1988. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-arċipriet fil-Parroċċa ta' Santa Katarina, iż-Żejtun. Fl-1995 inħatar kappillan fil-Parroċċa ta' Sant' Anna, Wied il-Għajn, u fl-2005 inħatar arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi.

Il-parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla, tiġbor fiha madwar 5,657 persuna f'1,600 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org